# RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## tat-3 ta' April 2014

## li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2012

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2012, flimkien mat-tweġibiet tal-Istitut ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2014 (05849/2014 – C7-0054/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0234/2014);

A. billi, skont id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha, il-baġit finali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ("l-Istitut") għas-sena finanzjarja 2012 kien ta' EUR 95 300 000 għal approprjazzjonijiet ta' impenn, li jirrappreżenta żieda ta' 48,87 % meta mqabbel mal-2011, u EUR 77 090 000 għal approprjazzjonijiet ta' pagament,

B. billi skont id-dikjarazzjonijiet tagħha, il-kontrubuzzjoni ġenerali tal-Unjoni lill-baġit tal-Istitut għall-2012 kienet tammonta għal EUR 68 697 863, meta mqabbel ma' EUR 8 043 439,83 fl-2011,

([1]) ĠU C 365, 13.12.2013, p. 142.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([4]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1.
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([6]) ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

C. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2012 huma affidabbli, iżda ma setgħetx tikseb evidenza xierqa u suffiċjenti tal-awditjar li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari.

**Bażi għar-rinunzja ta' opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti**

1. Jiddispjaċih li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kwalità taċ-ċertifikati tal-verifika ma kinitx adegwata f'ħafna każijiet; jinnota li sabiex ikollha t-tieni saff ta' assigurazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' għotja, fl-aħħar tal-2012, l-Istitut introdotta verifiki kumplimentari *ex-post* għal għotjiet relatati ma' attivitajiet għall-2011, li twettqa minn ditti tal-awditjar indipendenti u li jiġu vvalutati bħala affidabbli; jiddispjaċih li r-riżultati tal-verifika *ex-post* ikkonfermaw li l-verifiki *ex ante* ma kinux effettivi għal kollox;

2. Jiddeplora l-fatt li l-ebda verifiki ex-post ma twettqu għal transazzjonijiet relatati ma' għotjiet għal attivitajiet fl-2010 (EUR 11 300 000); jiddeplora l-fatt, barra minn hekk, li minħabba l-assigurazzjonijiet limitati li jistgħu jittieħdu mill-verifiki *ex ante*, m'hemm l-ebda assigurazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità ta' dawn it-transazzjonijiet u l-Qorti tal-Awdituri ma setgħetx tikseb biżżejjed evidenza xierqa ta' verifika dwar il-legalità u regolarità tat-transazzjonijiet ta' għotja vverfikati relatata ma' attivitajiet tal-2010;

**Opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti**

3. Jinnota li skont il-Qorti tal-Awdituri, għajr l-effetti possibbli tal-kwistjonijiet deskritti fil-bażi għal opinjoni kwalifikata, it-transazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena 2012 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

**Impenji u riporti**

4. Jinnota li mill-approprjazzjonijiet impenjati riportati mill-2011 li jammontaw għal madwar EUR 22 000 000, madwar EUR 10 000 000 (45 %) ġew ikkanċellati fl-2012; jirrikonoxxi li l-livell għoli ta' kanċellazzjonijiet huwa prinċipalment dovut għal spejjeż sottostmati pretiżi minn benefiċjarji taħt ftehimiet ta' għotja tal-2011 (EUR 9 200 000, jew 92 % ta' riporti kkanċellati);

**Trasferimenti**

5. Jinnota b'sodisfazzjon li, skont ir-rapport annwali tal-attività, kif ukoll skont ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' awditjar li wettqet il-Qorti tal-Awdituri, il-livell u n-natura tat-trasferimenti fl-2012 baqgħu fil-limiti tar-regoli finanzjarji;

**Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ**

6. Jinnota li, għas-sena 2012, la t-transazzjonijiet li ttieħed kampjun tagħhom u lanqas is-sejbiet l-oħra tal-eżerċizzju ta' awditjar ma wasslu għal xi kumment dwar il-proċeduri ta' akkwist tal-Istitut fir-rapport tal-awditjar annwali tal-Qorti tal-Awdituri;

7. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ma għamlet l-ebda kumment fir-rapport tal-awditjar annwali tagħha għall-2012 fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Istitut;

**Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti tal-interess u t-trasparenza**

8. Jirrikonoxxi li l-Istitut għandu żewġ regoli ta' qafas li jirregolaw il-kunflitti ta' interessi; jappella lill-Istitut biex jinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-intenzjoni tiegħu li jaġġorna dawk ir-regoli ta' qafas skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġestjoni tal-Kunflitti ta' Interessi fl-Aġenziji Deċentralizzati tal-UE;

9. Josserva li d-dikjarazzjoni ta' interessi tal-membri tal-Bord Governattiv, id-Direttur Eżekuttiv u l-ġestjoni ta' livell għoli mhumiex pubblikament disponibbli; jistieden lill-Istitut jirrimedja din is-sitwazzjoni b'mod urġenti;

**Awditjar intern**

10. Jirrikonoxxi mill-Istitut li fl-2012, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) wettaq valutazzjoni indipendenti dwar l-adegwatezza tat-tfassil tas-sistemi ta' kontroll interni relatati mat-tħejjija tal-ftehimiet ta' għotja annwali, li wassal għal rakkomandazzjoni waħda kritika u erba' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna lill-Istitut;

11. Jinnota li wara l-valutazzjoni mwettqa mill-IAS, l-Istitut pprepara pjan ta' azzjoni li jindirizza r-rakkomandazzjoni kritika, b'total ta' 11-il azzjoni, li tmienja minnhom kienu skedati għall-implimentazzjoni qabel il-31 ta' Lulju 2013; jinnota li l-erba' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna kellhom jiġu mitigati permezz tal-implimentazzjoni ta' total ta' 12-il azzjoni (tliet qabel il-31 ta' Lulju 2013); jinnota, barra minn hekk, li l-IAS tikkunsidra li l-pjan ta' azzjoni se tindirizza b'mod adegwat ir-riskji u se jtaffihom jekk jiġi implimentat f'waqtu;

**Kontrolli interni**

12. Jiddispjaċih għal fatt li l-baġits għal ftehimiet ta' għotja ffirmati fl-2010 u l-2011 ma kinux speċifiċi biżżejjed, u li rriżulta f'pagamenti fl-2012; josserva li ma kienx hemm rabta bejn il-fondi u l-attivitajiet approvati li għandhom jiġu implimentati u li l-ftehimiet ta' għotja ma stabilixxewx limiti individwali għall-kategoriji ta' spejjeż speċifiċi (jiġifieri spejjeż tal-persunal, subkuntrattar, servizzi legali, eċċ.) u ma kinux jinkludu regoli għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi mill-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni u l-imsieħba tagħhom;

13. Jinnota li l-Istitut wettaq ukoll verifiki tekniċi għall-proġetti kollha ffinanzjati bħala parti mill-verifiki *ex ante* tiegħu; jiddispjaċih, madankollu, li n-nuqqas ta' miri kwantifikabbli fixxklu valutazzjoni effikaċi tal-attivitajiet u r-riżultati tal-proġett; jemmen li tali sitwazzjoni setgħet u messha ġiet evitata u jistieden lill-Istitut biex jirrimedjaha u jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress f'dan ir-rigward fi ħdan il-qafas tas-segwitu għall-kwittanza 2012;

14. Jirrikonoxxi mill-Istitut li abbażi tar-rapporti finali tal-verifika, l-ammonti kollha li mhux suppost tħallsu (EUR 1 044 512,28 għall-2010 u EUR 1 242 317,31 għall-2011) ma ġewx irkuprati; jirrikonoxxi li strateġija komprensiva għall-assigurazzjoni tal-għotjiet, li tkopri kemm il-kontrolli ex-ante kif ukoll dawk ex-post, ġiet stabbilita mill-Istitut fil-perjodu 2012-2013;

15. Jinnota bi tħassib li l-Istitut ma kellux awditur intern għas-sena kalendarja 2013 kollha, peress li l-awditur telaq l-Istitut fil-31 ta' Diċembru 2012, u l-awditur attwali ħa f'idejh il-kompitu biss fl-1 ta' Jannar 2014; jemmen li tali sitwazzjoni messha ġiet evitata, speċjalment fid-dawl tal-problemi li deher li jeżistu fl-Istitut fir-rigward tal-kwittanza 2012;

**Prestazzjoni**

16. Jitlob li l-Istitut jikkomunika r-riżultati u l-impatt li l-ħidma tiegħu għandha fuq iċ-ċittadini Ewropej b'mod aċċessibbli, prinċipalment permezz tal-websajt tiegħu;

17. Jirreferi, fir-rigward tal-osservazzjonijiet l-oħra li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' April 2014 ([1]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0299 (ara l-paġna 359 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).